**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr. Edwina Grima LL.D.**

**Appell Nru: 9851/2024**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Joseph Zahra**

Illum, 25 ta' Lulju 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant, Joseph Zahra, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 293553M, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli nhar l-1 ta' Settembru 2021, għall-ħabta ta' 19:20hrs waqt li kien ġewwa Triq B'Bugia, B'Bugia:

1. Issoġġetta lil persuna oħra għal xi att u/jew imġieba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inkluż kliem bil-fomm, mossi u/jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta' kliem miktuba, stampi u/jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem jew imġieba mhumiex mixtieqa mill-vittma u jkunu jistgħu raġonevolment jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degredanti u/jew intimidatorji lejha;
2. Naqas li jattendi f'għassa wara li ngħata avviż mill-Pulizija sabiex jagħmel dan wara li kien avżat kemm bil-fomm kif ukoll b'avviż bil-miktub mill-Pulizija sabiex jattendi fl-għassa tal-Pulizija taż-Żurrieq, sabiex jagħti dak it-tagħrif u/jew iġib miegħu dawk id-dokumenti li l-Pulizija kienu jinħtieġu fuq xi nvestigazzjoni, naqas li jagħmel dan;
3. Naqas li jobdi l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilu minn PS 133, uffiċjal pubbliku waqt li kien qed jaqdi d-doveri tiegħu jew ma ħallihx jaqdi, jew fixkel jew indaħal lil imsemmi uffiċjal waqt il-qadi ta' dmirijietu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Diċembru 2024, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 251A(1)(e), 251A(4), 338(ee), 355AD (3)(4)(5), tal-Kodiċi Kriminali, sabet lill-imputat Joseph Zahra mhux ħati tal-akkuża numru tnejn (2) u tlieta (3), filwaqt illi sabet lill-imputat Joseph Zahra ħati tal-ewwel akkuża dedotta kontra tiegħu u kkundannatu għal perijodu ta' priġunerija ta' sitt xhur, li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodiċi Kriminali ġew sospiżi għall-perijodu ta' sentejn li jibdew jiddekorru minn meta din is-sentenza issir res judicata. *In oltre*, ikkundannatu ukoll għall-ħlas ta' multa ta' ħamest' elef Ewro (€5,000) li għandha titħallas fi zmien għoxrin (20) xahar minn meta din is-sentenza issir res judicata b'rati mensili u konsekuttivi ta' mitejn u ħamsin Ewro fix-xahar (€250) bl-ewwel pagament isir dovut fl-1 ta' Frar 2025 u f'kull l-ewwel ġurnata ta' kull xahar sussegwentement. Il-Qorti ordnat ukoll il-ħruġ ta' Ordni ta' Trazzin fil-konfront tal-imputat Joseph Zahra favur Evelyn Cezek, ai termini tal-Artikolu 382A tal-Liġijiet ta' Malta, u dan għal żmien sena minn meta din is-sentenza issir res judicata.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Zahra, ippreżentat fl-20 ta' Diċembru 2024, fejn talab lil din l-Qorti sabiex tħassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata in kwantu nstabet ħtija fil-konfront tiegħu u fil-każ li din l-Qorti tikkonferma l-ħtija tiegħu taħt l-imputazzjonijiet kollha jew uħud minnhom, tvarja l-piena nflitta għal piena oħra anqas ħarxa skond il-liġi.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant esibita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Semgħet trattazzjoni.

**Ikkunsidrat:**

Illi, fl-ewwel aggravju ventilat minnu, l-appellant jilmenta li l-Ewwel Qorti għaddiet għad-deċizjoni tagħha bħala riżultat ta' apprezzament żbaljat tal-liġi kif ukoll tal-provi li tressqu quddiemha, b'dan madanakollu illi huwa jonqos milli jressaq dawk ir-raġunijiet fil-fatt u fid-dritt li fuqhom huwa qiegħed issejjes dan l-aggravju.

Illi huwa prinċipju stabbilit fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha.[1] Għal dan il-għan eżaminat l-atti proċesswali minn fejn jemerġi illi nhar l-1 ta' Settembru 2021, għal ħabta ta' 19:55, il-Pulizija ġew infurmati minn persuna femminili li "**r-raġel tagħha kien waqqaf pedoflu u kienu qed jiġġieldu San Tumas Pizzeria**". Ftit tal-ħin wara, il-Pulizija ġew ulterjorment infurmati minn persuna tas-sess maskili li "**raġel kien ħadlu l-krozza u qed itieh biha San Tumas**". Il-Pulizija rrikorrew fuq il-post fejn sabu lil ċertu Ivan Cezek bi krozza f'idu, bintu Evelyn Cezek u l-appellant ħdejn l-*istage* bl-isem ta' 'Mahsel' fi Triq il-Qaliet, Marsascala.

Illi, meta ġiet mitkellma mill-Pulizija, Evelyn Cezek stqarret li –

> **... għall-ħabta ta' 19:20hrs kienet fuq l-istage ta' quddiem il-knisja ta' Birzebbugia u Joseph kien fuq l-istage magħha. Joseph beda jistaqsiha 'Liem bus number ħa taqbad? 119?' u Evelyn qaltlu iva. Joseph saqsiha 'Int minn hawn?' u talabha tirranġalu l-ħin tal-mobile tiegħu u talabha tpoġġi ħdejh. Joseph għadda l-mobile tiegħu lil Evelyn u din qaltlu li ma tafx kif ħa tirranġahulu u Joseph qalha 'OK' u ħa l-mobile lura.**
>
> **Evelyn qalet li Joseph beda' jsaqsiha x'jisimha u kemm għandha żmien fejn Evelyn wiġbitu però gidbitlu. Joseph qallha li għadha żgħira u saqsiha jekk għandiex xi laqam ġewwa Birzebbugia u ta' min kienet. Joseph beda jgħidilha li għandha ġisimha iffurmat u għandha l-ħwejjeġ issikati. Evelyn qalet li bdiet titbiegħed minnu bil-ħsieb li titlaq minn fuq il-post pero' Joseph beda jgħidilha 'Ejja l hawn'.**
>
> **Evelyn qalet li kif Joseph qam minn fuq il-bank hi telqet tiġri lejn id-dar. La darba Evelyn qalet lill missierha x'kien ġara u ħarġu flimkien bil-karozza ta' missierhom ifittxu l-Joseph. Missierha saq ħdejn l-istage fejn kien Joseph**

[1] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**però dan ma kienx hemm għalhekk segwew ir-rotta li s-soltu tieħu ir-rotta 119. Meta laħquwha baqgħu isegwuha.**

**Meta tal-linja waslet fuq l-istage bl-isem 'Mahsel' fi Triq il-Qaliet, Marsaskala, Joseph niżel minn fuq tal-linja u Evelyn għarfitu li kien hu l-persuna li aktar kmieni kien iffastidjaha. Evelyn qalet li missierha niżel mill-karozza u beda jkellem lil Joseph, ħadlu l-krozza u bdew jagħtu.**

Illi, l-allegata vittma kkonfermat dan kollu meta xehdet quddiem l-Ewwel Qorti fejn ikkonfermat ukoll li ħassitha imbeżża' u iffastidjata bil-kliem u l-ġesti li beda jagħmel l-appellant u bil-mod kif kien qed iħares lejha u lejn il-persuna tagħha hekk kif ikkummentalha li kienet żvillupata għall-età tagħha u li kellha il-qalziet issikkat ħafna magħha, oltre li stedinha biex tpoġġi ħdejh filwaqt li beda joħroġ idu fid-direzzjoni tagħha sabiex jistedinha tagħmel dan. Ikkonfermat ukoll li dakinhar tal-inċident *de quo* kellha sbatax -il sena.

Illi, Ivan Cezek, missier il-vittma ukoll ġie mitkellem mill-Pulizija *a tempo vergine*, fejn stqarr –

***My daughter came home and she couldn't talk for 5 minutes because she was very upset. After she calmed down she managed to tell me that a man was talking dirty to her. I asked her if he's still on the bus stop. I ran to the bus stop but he wasn't there. I went back to the car and we followed the route of the bus trying to recognise this man when people came out of the bus. I saw him come off the bus I waited a minute or two so my daughter could recognise him. When she told me that it was him. I tried to stop him and talk to him to wait.***

***I asked him 'Did you try to speak to my daughter in Birzebbugia?' and told him to wait so I call the Police. He kept walking away and waving his stick around. A third guy showed up and started to get in between us but he went away. He kept waving the stick so I grabbed the end of the stick that he was waving at me and I gave him a couple of blows with the stick. My daughter was on the phone with her mother. I took the stick from him and someone managed to call the police.***

Illi, eventwalment, l-appellant ittieħed għal kura medika għax beda jilmenta minn xi uġiegħ. Huwa ġie sussegwentement mitkellem mill-Pulizija nhar il-5 ta' Settembru 2021 fejn, wara li ngħata d-drittijiet tiegħu skond il-liġi, stqarr li '**fl-01/09/2021 ma kienx jinsab Birzebbugia u fl-16:00hrs kien diġà jinsab Marsaskala għaliex fis-18:00hrs kellu appuntament mal-avukat tiegħu Dr Peter Paul Zammit**".

**Ikkunsidrat:**

Illi, ir-reat li dwaru nstab ħati l-appellant huwa fost ir-reati l-ġodda maħluqa wara r-ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika iffirmata ġewwa Istanbul, it-Turkija fil-11 ta' Mejju 2011, magħrufa komunement bħala il-Konvenzjoni ta' Istanbul, li ġiet minn Malta ratifikata f'Mejju tal-2014, bl-adeżjoni tal-Istati Membri tal-Unjoni Ewropeja għal din il-Konvenzjoni iseħħ fid-09 ta' Ġunju 2017. Kien propju bħala spunt minn dina l-istess Konvenzjoni li sar l-artikolu 251A(1)(e) tal-Kodiċi Kriminali li jitkellem dwar il-ħsara ta' natura sesswali perpetrata fuq il-vittma mill-awtur tar-reat, anke meta dik il-ħsara tkun seħħet b'att devjanti wieħed u uniku li jkollu xi konnotazzjoni sesswali, kif tajjeb irrimarkat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata fejn il-Qorti qed tagħmel tagħha l-esposizzjoni ta' dritt hemmhekk imħaddna.

Illi, minn ezami akkurat tal-provi prodotti fil-każ odjern, jirriżulta illi l-appellant kien għadda kummenti b'konotazzjonijiet ta' natura sesswali fil-konfront tal-minuri Cezek, senjatament meta qalilha kliem fis-sens illi għandha ġisimha iffurmat u li l-qalziet kien issikkat ħafna magħha. Dan magħdud mal-fatt ukoll li bi kliemu beda jipprova iżommha milli titlaq minn ħdejh u anke stedinha biex tpoġġi ħdejh. Tali mġieba tal-appellant ċertament li kienet timplika ġesti u kliem b'konnotazzjonijiet sesswali u li ma kenitx xi imġieba innoċenti kif donnu qed ipinġiha l-appellant, tant li l-vittma ħassitha imbeżża' u telqgħet tiġri minn fuq il-post sabiex isib il-kenn ta' darha u ta' missierha. Abbażi ta' dawn il-fatti probatorji, għalhekk, din l-Qorti hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti kienet legalment korretta meta sabet ħtija fl-appellant għall-ewwel imputazzjoni, u dana għaliex, kif ingħad, l-imġieba tiegħu fil-konfront tal-vittma, tfajla li kellha merament sbatax-il sena, kellha konnotazzjonijiet sesswali "**inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, ..... fejn dak l-att, kliem, u jew imġiba mhumiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha**." Għaldaqstant, l-ewwel aggravju tal-appellant qed jiġi miċħud.

**Ikkunsidrat:**

Illi, il-*gravam* rimanenti sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata, fejn l-appellant jisħaq illi din kienet waħda eċċessiva u mhux proporzjonata għal għemilu. Huwa jintenta ukoll jagħmel paragun ma' sentenzi oħra li kienu jirrigwardaw l-istess reat li tiegħu instab ħati.

Illi, ġie stabbilit b'mod kopjuz fil-ġurisprudenza illi qorti ta' revizjoni bħala regola ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioe` din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm -il darba ma jkunx jirrizulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*"[2]. Illi jibda biex jingħad illi l-Ewwel Qorti għamlet konsiderazzjonijiet ferm siewja fis-sentenza tagħha rigward ir-reat li dwaru l-appellant kien misjub ħati u l-effetti li jħalli fuq il-vittma anke jekk dawn ikunu sempliċi kliem jew ġesti li xortawaħda jammontaw għal molestji.

Illi, imbagħad hekk kif ritenut kostantament mill-qrati, il-paraguni ma' sentenzi u każijiet oħra huma odjużi, billi kull każ għandu il-fatti speċje tiegħu u allura bil-qrati iridu jerogaw dik il-piena li tagħmel għal dawk iċ-ċirkostanzi u fattispeċje partikolari. Illi allura meta l-Qorti qieset il-fatti ta' dan il-każ ma tistax ma tinnotax illi l-piena nflitta fuq l-appellant hija waħda fil-parametri prospettati mill-liġi, u mhux biss ixxaqleb lejn il-minimu, iżda hija alternattiva għal dik tal-ħabs effettiv. Fuq kollox lanqas ma tista' tinjora l-fedina penali tal-appellant li hija waħda ferm voluminuża ta' 'il fuq minn mitt paġna fejn l-appellant beda juri imġieba devjanti sa mis-sena 1963. Din turi biċ-ċar li huwa għadu ma tgħallimx mill-izbalji tiegħu, ma jgħarafx jieħu responsabbiltà ta' għemilu u wisq inqas juri ebda sinjali ta' rimors għal dak li jagħmel. Għalhekk ċertament illi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti hija waħda meritata u din l-Qorti tqis li ma hemm xejn sindikabbli fl-istess. Għaldaqstant, dan iwassal sabiex anke l-aħħar aggravju tal-appellant qed jiġi respint.

[2] The Republic of Malta vs v. Kandemir Meryem Nilgum and Kucuk Melek, deċiza nhar il-25 ta' Awissu 2005.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha, bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ mill-Ewwel Qorti favur il-vittma għandu jiġi fis-seħħ mil-lum.**

**Edwina Grima**
**Imħallef**